# ANGLA TAL-HELU

*Ta'* G. Cassar Pullicino

MINN dejjem niftakarha, fil-għaxijiet, tbigħ il-helu fejn jieqfu l-karozzi. Mara samra, xufftejha ħoxnin, għajnejha suwed kbar imberrqin, wiċċha ftit imkemmex, xagħarha qastni magħmul balla mtella' 'l fuq u msallab. Mara qasira, imbaċċa: par imsielet lanġasin tad-deheb ma' widnejha, żewġ ċrieket lixxi f'sebgħajha, liebsa dublett miġmugħ u korp meħjut bil-bluża. Nafha hemm dejjem bil-qiegħda fuq banketta, f'saqajha karkur bit-takkuna, tbigħ it-*toffee*, iċ-ċikkulata, il-ġuġu u s-sigaretti, wiċċha mdawwal bid-dawl tal-fanal imqiegħed fuq it-tilar imiss mal-ħajt tal-loġġa — ta' kuljum, xogħol u Ħdud u festi, xitwa u sajf, sħana u riħ......

Kont ili nafha s-snin, mindu mort l-iskola. U niftakar meta konna għaqqadna *team* tal-*football* fit-triq tagħna, u konna noħorġu għat-*training* fil-għaxija. konna nieqfu nixtru ċ-*chewing gum* minn għandha.

Konna nafuha lkoll. U ma nafx min ma jafhiex lil Anġla. Għax kienet mara bieżla, u tidħol għal kollox — taħsel u tgħaddi lill-Ingliżi, u nhar ta' Sibt tfarfar il-bankijiet u taħsel l-art tat-*talkies* li kien fetaħ ftit qabel, biex l-għada, il-Ħadd tidħol b'xejn għal tas-sebgħa. In-nies kienu jsibuha għal bosta xorti. Hux għandek tifla waslet għall-imsielet? Tibżax, ibgħatha għand Anġla tal-Ħelu, ittaqqbilha widnejha u teħlisha f'kemm ili ngħidlek. Inkella jmut xi ħadd? — Araha tgħin fit-tkeffin u titħollok il-Belt iġġib il-permess tal-qabar, u teħodlok ħsieb it-tisjir u ġġiblek l-ikel lest meta ma jkollok moħħ ta' xejn bil-għali. Hux għandek fenka għat-tagħmir? — Għid 'l Anġla tal-Ħelu u ħalli għaliha biex taqdik! — Inkella xi tagħqida flieles li tfarfru u fosthom hemm is-sriedak? — Ibgħathomlha u ssewwilhomlok bħalli kieku xejn! Basta tnewlilha xi ħaġa f'idha, għax għalxejn ħadd ma jagħmel xejn, igħid qaddisha. Mela kieku daqs dak ġiri u taħbit, għalfejn tiekol ilsienha meta toħtob u ssamsar xi dar għall-bejgħ jew xi kirja ta' dar *furnished*? Mhux għalhekk akoll kull fejn tmur tħawtel xi ħaġa,

moħħa dejjem iberren kif twikkilek numru għall-primustratt xelin il-wieħed! Għal filgħaxija mbagħad tmur tbigħ fejn il-karozzi, mnejn igħaddu n-nies tat-Tarzna ġejjin minn fuq ix-xogħol, bis-sahra; inkella nies oħra ħerġin mit-*talkies* tal-aħħar. U minn hemm iddabbar xi sold qabel tinġabar torqod f'darha — f'dik id-daqsxejn ta' dar li kellha.

Niftakar, donnu l-bieraħ, l-ewwel darba li mort għandha. Kont għadni tifel immur l-iskola, u bagħtuni għandha bis-sriedak għat-tiswija. Jekk ma tkunx taf fejn toqgħod żgur ma ssibux il-bieb tagħha. Tinżel in-niżla u toħroġ minn taħt mina u ssib ġnien kbir. Fil-kantuniera mbagħad hemm mezzanin żgħir, misruq mill-bini ta' ma' ġenbu. Kulma jidher minn barra, bieb żgħir u gallarija ta' l-injam fuq bi tliet purtelli. Il-bini qadim u ġewwa mudlam. L-għatba tiġi sewwa mat-triq, u meta tagħmel ix-xita u jinżel jobrom il-wied, jimtlew il-kmamar bl-ilma. Mill-għatba tinżel żewġ tarġiet u ssib kamra tonda, u, mal-lemin, kif tidħol, tarag għal fuq, bil-poġġaman tal-għuda, qadim u msewwes. Fil-kamra t'isfel, it-tonda, hemm żewġ siġġijiet tas-sogħda, daqsxejn ta' mejda, spiritiera fuqha, lampa mal-ħajt minn dawk tal-mera magħhom u bittubu kollu iswed, borma ċkejkna, u qannata bl-ilma. Fil-kamra ta' fuq hemm is-sodda, kredenza u xi siġġu.

Anġla tal-Helu kienet ilha s-snin tgħix weħidha. Baqgħet xebba u niesha iktar ma kellhiex. Baqgħet xebba mhux għax ma kellhiex min riedha u ġera warajha meta kienet żagħżugħa! Tiftakar, kienu joħtbuha ħafna: wieħed kien bil-karozzin, il-ħin kollu mikri mat-tabib tal-Berġa; ieħor barklor, mix-Xatt ta' Bormla; ieħor armat bil-għodda fuq il-Monti, u jbigħ baxx baxx il-flanella ta' abbord, u ieħor bil-posta tat-tiġieġ is-Suq. Imma hija qalet li ħajra għaż-żwieġ ma kellhiex Ma kellhiex sakemm darba nqala' wieħed żmien il-ħsad igħin lil missierha. Anġla saret tafu għax ta' kuljum kienet teħdilhom il-kafè l-għalqa, fejn ikunu jaħdmu, fuq il-qiegħa — fejn imbagħad kienet tibqa' tagħti daqqa t'id hija wkoll. U taħt il-qilla tax-xemx kienu bħal inġibdu u bdew jinħabbu waqt ix-xogħol, hemm fejn dawk l-imniezel tat-tiben, bil-għabra tal-dris f'imnifsejhom, bil-klieb tal-għassa jiġru madwarhom. U f'qasir żmien Anġla u Toni taw il-kelma; qabel jintemm ix-xahar tar-

Kużarju dik is-sena, jiżżewġu u jmorru joqogħdu għal rashom, u 'k Alla jrid, Toni ma jdumx ma jibagħtu għalih it-Tarzna, u jibda jitħallas bil-ġimgħa... Imma lanqas did-darba ma seħħ iż-żwieġ ta' Anġla, għax malajr inqala' saram ieħor. Mela f'daqqa waħda Toni baramlu li jrid isiefer u jmur l-Awstralja bħalma għamlu oħrajn li issa saru nies u għamlu l-flus u ma jonqoshom xejn. Lil Anġla ried jiżżewwiġha u jeħodha miegħu, imma dil-biċċa ma għoġbitha xejn lilha għax kellha qalbha marbuta wisq mal-ħajja ta' madwarha.

Il-ħajja għaliha kienet tfisser ir-raħal fejn twieldet u trabbiet, it-triq fejn lagħbet ma' sħabha fi tfulitha, ir-raba' li kellu missierha, bil-maqjel tal-majjali, u l-qsari li kellha fil-bitħa, u l-fniek u l-ħamiem li kienet tagħlef mindu mietet ommha... il-ħajja kienet li filgħodu tqajmek il-qanpiena tal-Knisja għal ta' l-ewwel, li fil-għaxija toħroġ daqsxejn fejn il-bieb tgħid kelma mal-ġara u tara n-nies għaddejjin minn quddiemek, li nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar tpoġġi ma' ħbiebha fis-sqaq ta' warajhom jilagħbu t-tombla... li fis-sajf wara li jkunu ġiżżu n-ngħaġ tmur taħsel is-suf tal-ġeżeż il-baħar u hi tixxarrab u titbaħbaħ, u tiekol u tgħanni ma' sħabha!... il-ħajja kienet ukoll il-festa ta' darba f'sena, il-libsa li żżanżan għaliha, il-marċi ta' lejlet il-festa, il-mużika tat-Tridu, il-murtali tal-ftuħ u tal-berqa, u l-briju ta' nharha, hija u dieħla l-vara......... u mhux tmur il-bogħod!...... l-Awstralja!...... Hekk fehmitha Anġla, għax wara kollox, billi ma tibqax Malta, mhux xorta jkollok toqgħod imjassra ġewwa ssajjar u traqqa'... u l-ħajja ta' hemm għalja nar, u tkun maqtugħa minn kull min taf...

Biex ma ntawwalx, Anġla webbset rasha u ma marretx. Iż-żwieġ tħassar u Toni telaq waħdu. Ilu għoxrin sena dan li semmejna. Kif igħaddi ż-żmien! U kemm jinbidel il-bniedem! Il-lum tħares lura u tgħid: "Kemm kont belħa ma mortx miegħu Toni! Aħjar li smajt minnhom meta qaluli nitla' warajh meta kitibli minn hemm u qalli li sab ix-xogħol u qed iwarrab xi so'd! Imma fejn tobsor xi jkun hemm miktub għalik? — Ara issa x'ġara.

Għeluq is-sentejn missieri miet, mikul ikla dejn issemmix, għax għas-sold qatt ma baża' u kien jilgħabhom, u minn fuq

kellu kapriċċi oħra wkoll! U mir-raba' li kellna ma baqagħli xejn: sar-razzett kelli nneħħi, u kelli niġi f'daż-żewġt ikmamar, u sew sew kelli għoxrin meta kelli nibda nduq il-qrusa taċ-ċaħda u tal-faqar, u ħtieġli rrmidd idi għax-xogħol biex inlaqqat il-ħobża ta' kuljum. Billi bqajt Malta u għaddiet tiegħi u mingħalija ħriġt ta' mara! X'ħadt issa? — Inseffaq wiċċi man-nies, issa ħasia għand din, issa qadja għand l-oħra, dejjem ħajja mxuma, niekol bukkun man-nies! X'divrenzja kieku mort l-Awstralja, flok bqajt hawn, fejn għal kull għadma hawn mitt kelb......

Ara n-nies, ħej, kemm xortihom taqlagħhom! Hawn din Peppa ta' wrajja għadha kemm ġiet tara lil niesha... bil-kemm għarafthà! Ilbies fuq ilbies, tbiddel waħda kuljum, u kpiepel u żraben mal-moda, ta' kull lewn u ta' kull għamla. Anqas tgħid li fi żmien kienet seftura man-nies! Inbidlet għal kollox, u tridha ta' Jessie issa, għax 'k tgħajtilha Peppa bħal dari ma tweġbikx! Żewġha ħallsilha u bagħatha dal-bogħod kollu biex tara 'l niesha! Waqt li jien bqajt hawn, ikkakkmata fuq dil-banketta, ta' fuqi senduqi, u biex nixtri par żarbun irid igħaddi għomor, u rrid nagħżlu m'għand Massu ta' ħdejn il-knisja, għax dak itik bin-nifs u jħallik tħallsu bix-xahar! Dik ħajja, ħej! Il-ħajja li tħerri moħħok bil-ħsieb kif sa tgħaddi meta ma għandekx imnejn, li tilqa' l-lifronti ta' ħaddieħor, li meta ssib ħaġa taħtafha int qabel jaħtafhielek ħaddieħor, għax in-nies klieb għal xulxin... li mill-mitluf tiegħu lí tista', u l-ftit tarah bosta u l-bosta tgħid li m'għandekx x'tambih... Xi trid tagħmel? — kulħadd xortih fid-dinja!

Miskina din Anġla! Mn'Alla tedha fix-xogħol, u tgħid xi kelma biex idderri! Għax hekk, iż-żmien ġmielu għaddej għaliha bħalma hu għaddej għal kull wieħed minnha — jisbaħ u jidlam il-lum bħal bieraħ u għadha bħal-lum...... Issa xjieħet u m'għadhiex li kienet, u l-aħħar li kellimtha rajtha niżlet lil Anġla. Ngħid għalija, dejjem niftakarha kif kienet fl-aħjar tagħha, u bejnietna, tgħidx kemm nagħli jekk xi darba ngħaddi minn fejn jieqfu l-karozzi u ma narahiex iktar hemm, fejn il-loġġa tbigħ it-*toffee* u ċ-ċikkulata — mara qasira, imbaċċa, f'saqajha karkur bit-takkuna, wiċċha mdawwal bil-lampa tal-fanal fuq it-tilar tal-ħelu.